MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru. 32/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Anthony Said ta' 34 sena bin Peter u Carmela nee' Said,
imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-22 ta' Marzu, 1974 u residenti fil-fond Tony and Theresa, Triq Ulisse, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 8474(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Anthony Said li gie akkuzat talli nhar il-20 ta' April 2008, ghall-habta ta' bejn is-sebgha (19:00hrs) u t-tmienja (20:00hrs) ta' filghaxija waqt li kien qieghed gewwa Ritz Bar li jinsab fi Triq il-

Wied, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, ikkommetta;

1) Serq minn go handbag, ta’ nuccali tal-vista tal-marka Braccioli li kien go pouch ahmar, kif ukoll portmoni li kien fih hamsin ewro (€50) u dan ghad-detriment ta’ Graziella (Maria Grazia) Debono liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta ta’ haga misruqa;
2) Ukoll talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan ghad-detriment ta’ Graziella (Maria Grazia) Debono;
3) U fl-ahhar nett talli sar recidiv b’diversi sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux iktar jigi mhassra

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 9 ta’ Mejju, 2008;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat illum stess liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat u fid-dawl tad-dokument esebiti, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-kollaborazzjoni shiha tieghu tant illi r-refortiva u l-flus misruqa gew ritornati mill-imputat, kif ukoll l-fatt illi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tieghu tad-drogi;

Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikoli 261 (c) (g), 271, 267, 289, 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-

konsiderazzjonjiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 il-hati qieghed jitqieghed taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum;

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa ma joqghodx ghall-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Prabation ghal dawn it-tlett (3) snin li gejjin;

Il-Qorti qed tordna notifika tas-sentenza lill-Ufficjal tal-Probation skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------